# Il-Presepju

Ħarġa Nru. 89
Ġunju 2016



Fuljett maħruġ mill-
GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - MALTA
c/o 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

Fuljett
maħrug kull tliet xhur mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza
għandha tiġi ndirizzata lis-
Segretarju,
Charles A. Bellia
56, Amaltea, triq il-Marġ,
Attard ATD2382. Malta*

*IL-PRESEPJU
Jitqassam lill-Membri
tal-Għaqda u għalhekk biex
tirċevih ħallas il-miżata
tiegħek regolarment billi
tibgħat □5 lill-Kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
biex jinfdew l-ispejjeż
ikunu ferm apprezzati.*

*L-GĦAQDA
ĦBIEB TAL-PRESEPJU
Malta tirringrazzja lil kull min
kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.*

Apprezzament speċjali
jmur għas-
Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb il-'proof reading'.

# Werrej

Editorjal
.....................................................................3

Il-Kelma tal-President
.....................................................................4

Tajjeb Hekk?!
.....................................................................5

Il-Wirja tal-Anniversarju
.....................................................................7

Ritratt fuq facebook
.....................................................................8

L-Għar ta' Betlem
.....................................................................10

Ma tirrepetix il-ġrajja tal-1914!
.....................................................................11

Ftit tagħrif minn hawn u minn hemm..
.....................................................................13

Pannettone ... mill-leġġenda għar-rejalta'
.....................................................................14

---

**Stampat**

BONNICI'S PRESS Est.1924

36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 21224607 - 21228138
E-mail: emibonnici@gmail.com

# Editorjal

Ġurnata wara ġurnata u ż-żmien igerbeb. Għadna kif konna niċċelebraw l-Għid il-Kbir, filli l-Pentecoste, filli l-festa tar-raħal u ġimgħa wara ġimgħa l-akbar festa tal-Għaqda---il-Milied--- dalwaqt tasal. Kuljum li jaħrab minn fuqna jkun ifisser jum li ma tistax iġġibu lura. Dan kollu jwassalni biex nistaqsikom jekk bdejtux taħsbu għall- presepju li tridu tesebixxu fil-wirja ta' din is-sena; jekk le, araw x'tagħmlu għax... l-aħwa, tinsewx li din is-sena hija t-Tletin sena mit-twaqqif tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta.

Tajjeb li żżommu f'moħħkom li meta tkun trid taħdem xi ħaġa bil-galbu ma tistax taħdem kollox fl-aħħar minuta, kif xi kultant nagħmel jien, iżda trid iż-żmien u l-ħsieb biex ikollok prodott preżentabbli. L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta tieħu ħsieb li torganizza l-*Course* fuq kif tibni l-presepju b'materjali varji. Tajjeb li wieħed jipparteċipa kif dejjem kien il-kas sena wara sena.

Il-preparamenti għal xi ħaġa li tkun qed tistenniha jew tixtieqha hija xi ħaġa minn hawn id-dinja. Hekk ukoll ġralha l-Madonna meta kien mgħarraf lilha li kien ser ikollha iben u s-semmieh Emanuel. Min jaf kemm bdiet taħseb għall-affarijiet bażiċi biex meta jitwieled ikun bħal ħaddieħor. Min jaf kemm kellha ħsibijiet għonja li riedet tferra' fuq binha li kien għadu f'ġufha. Kemm lestiet ħwejjeġ għalkemm kienet fqira biex binha ma jħossx bard meta jitwieled!

Minn dan kollu ma ġara xejn għax il-pjanijiet għat-twelid tat-tarbija kellhom jinbidlu f'ħakka t'għajn. Minn jaf jiġrilniex hekk ukoll meta nkunu nfasslu l-presepju u mbagħad ikollna nbiddlu l-pjan. Ma naqtgħux qalbna u nkomplu nipperseveraw...u naslu.

Tajjeb li nifraħ l-ommijiet u l-missierijiet kollha tad-dinja li qed irawmu fit-tfal tagħhom il-ħeġġa lejn il-presepju. F'dinja kompjuterizzata xorta l-presepju ma tilifx postu iżda reġa' ħa l-ħajja.

***Frans Chircop***

***Dalwaqt issir laqgħa importanti dwar is-saħħa u sigurta fl-attivitajiet tal-Għaqda tagħna fis-Sala San Franġisk. Kun ċert li tattendi u tagħti sehemek biex nevitaw il-problemi li nistgħu niltaqgħu magħhom fil-futur. Narawk. Grazzi.***

# *Il-Kelma tal-President*



Kif intom ħbieb.

Kif tafu bdejna s-sensiela ta' lectures li daħlu sew fil-kalendarju ta' matul is-sena. Il-kelliema li kellna kienu ppreparati sew fuq is-suġġetti tagħhom li kienu jinkludu, storja, kultura u teknika. Kienu nteressanti wkoll il-filmati li rnexxielna nakkwistaw dwar il-bini tal-presepju. Ma jistax jonqos li s-suċċess ta' dawn il-lectures kien dovut għas-sehem li taw diversi nies fosthom il-membri li attendew f'numru inkoraġġanti u segwew b'attenzjoni dak li kellna x'noffru. Ta' dan nirringrazzja lil kullmin kellu sehem fil-lectures ta' din is-sena.

Ftit tal-ġranet ilu wkoll beda il-kors tas-sajf. Diġa bdejna naraw il-presepji jieħdu l-forma. Din is-sena jidher li d-dixxiplina qed tiddomina il-kors. Kulħadd qed jimxi mal-pjan offrut miż-żewg għalliema prinċipali u għalhekk il-progress fix-xogħol qed ikun ta' sodisfazzjon għal kulħadd.

Minkejja dan kollu għandna xi ftit sħab griż idur fuqna! Il-Patrijiet Franġiskani, infurmawna li ser jidħlu regolamenti ġodda dwar saħħa u sigurta f'postijiet li jaqgħu taħt ir-responsabilta tagħhom. Dawn ir-regolamenti jikkonċernaw lil Għaqda tagħna wkoll billi aħna nużaw s-Sala San Franġisk li hi propjeta tal-istess patrijiet.

Diġa saru xi laqgħat biex jiġu identifikati u diskussi l-passi li jridu jittieħdu f'dan ir-rigward. Il-Kunsill tagħna ma tilifx żmien u beda jara kif l-aħjar li jattwa dawn il-miżuri. Il-membri tagħna wkoll ser ikunu meħtieġa li jagħtu sehemhom u għalhekk meta jasal il-waqt, ser tissejjaħ laqgħa biex jingħataw id-dettalji kollha.

Nistennew il-kooperazzjoni ta' kulħadd biex flimkien nibqgħu ingawdu l-użu tas-Sala San Franġisk.

Sadanittant inselli għalikom.

***Andrew Spiteri***

# *Tajjeb hekk?*

Mistoqsija sempliċi li titlob risposta sempliċi ta' *iva jew le*! Ħafna drabi, u b'mod partikulari fejn jidħol id-delizzju jew xi proġett temporanju, ir-risposta aktarx li tkun "U iva jgħaddi!", jew " u tajjeb hekk, mhux għal erbat ijiem?". Risposta bħal din aktarx tindika li hemm xi ħaġa ħażina, jew li mhix aċċettabbli għal kollox. Min jgħati risposta simili jista ma jkunx qiegħed iħares il-quddiem u għalhekk jista' ma jirrejalizzax li dik ir-risposta tista turi nuqqas ta' serjeta fix-xogħol jekk mhux ukoll tista toħloq inkonvenjent aktar il-quddiem.

*Nistaħajjel hawn min qed jgħid...'Dan biex ħiereġ illum?*

Żmien ilu direttur tal-kumpanija fejn kont naħdem kien qed jindirizza lill-impjegati u fost affarijiet oħra qal li d-differenza bejn li tagħmel xi ħaġa sew u tagħmilha ħażin, tant hija minima li jkun jaqbillek ħafna iżjed jekk dak li jkollok tagħmel, tagħmlu sew. Tiffranka l-ħin u anke problemi.

Jekk napplikaw dan mal-bini tal-presepju, insibu li meta naħdmu skond regoli bażiċi, nevitaw jew innaqqsu l-problemi, jekk mhux ukoll il-ħela u allura l-ispejjeż, inlestu aktar kmieni u nkunu sodisfatti bix-xogħol jew ir-riżultat finali.

Semmejna l-problemi! Mhux għax m'aħniex ser niltaqgħu ma' xi problema jew tnejn anke meta naħdmu sew, imma jekk ninjoraw is-sistema t-tajba flok problema waħda jkollna ħafna iktar. Biċċiet tal-jablo maqtugħa bl-addoċċ diffiċli jeħlu sew ma' xulxin, u għalhekk l-istruttura ma tiġix soda. Minħabba f'hekk inbatu biex niksu bit-tissues jew biex inkomplu nibnu! Forsi fl-aħħar jirnexxielna nibdew il-kisi. Karta fuq oħra aktarx mingħajr ma qabel inxarrbu l-post bil-kolla. Dan joħolqilna rqajja ta' arja maqbuda taħt it-tissues. Dak il-ħin moħħna jgħidilna 'u iva... tajjeb hekk... jgħaddi.' Il-problema niffaċċjawha meta niġu biex nagħtu passata ġibs jew agħar, meta niġu biex niżbgħu il-presepju. Billi t-tissues ma jkunux weħlu sew, malli jħossu l-ilma jixxarbu u jaqgħu. Is-soluzzjoni tkun waħda - ibda kollox mill-ġdid!

Aktarx li mal-ħin nkunu ħlejna ammont ta' materjal kif ukoll tlifna xi ftit tal-paċenzja. In-nervi jibdew tilgħin u nibdew insibuha diffiċli anke biex nagħmlu l-iktar biċċa xogħol sempliċi, bħal per eżempju naqtgħu xi biċċa jablo tal-qis. Naturalment aktarx jiżdied xi ftit tidlik u frak tal-jablo imwaħħal ma' kullimkien barra ma' fejn suppost. Dan kollu għax moħħna qalilna: "u iva tajjeb hekk, jgħaddi."

Semmejt l-iktar ħaġa bażika fil-preparazzjoni tal-presepju...il-bini. Issib min jgħid: "u iva ma miet ħadd!" Naturalment min jgħid hekk ikollu raġun, għalkemm it-tferfix li jibda jiżdied, jista jwassal għal xi inċident żgħir b'xi sikkina jew sega!

Hemm diversi xogħolijiet oħra fil-presepju li meta nkunu qed nagħmluhom irridu ninsew li teżisti l-frażi..."u iva jgħaddi". Dawn jistgħu ikunu ħafna iżjed perikolużi min xi sikkina żgħira. Irrid insemmi b'mod partikolari l-użu jew l-installazjoni tal-elettriku biex nixgħelu l-presepju tagħna. L-użu ta' transformer jew LED ma jeliminax il-periklu kollu. B'xi wires maqlubin jew mhux iżolati sew tista jew ma jirnexxilekx tixgħel il-presepju, jew agħar, taħraq kollox. Altru milli 'u iva jgħaddi'.

Finalment jekk naħdmu skond ir-regoli, anke jekk sempliċi, ix-xogħol tagħna jiġi ħafna aħjar u nħossuna sodisfatti bil-proġett żgħir tagħna. Anke jekk ma nkunux għamilna xi kapolavur; il-fatt li konna dixxiplinati magħna nfusna, jinkoraġġina biex fil-ħajja niffaċċjaw dak li jkollna nagħmlu mingħajr ma noħolqu problemi għalina stess.

# Il-Mizata

**Bil-□5 fis-sena li inti tħallas bħala membru tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta, tkun qed tgħin biex il-presepju jkompli jsaħħaħ postu fiċ-ċentru tal-Milied Malti. Titlifx dan iċ-ċans biex tkun parti mill-kultura Maltija.**
**Jekk għadek ma ħallastx il-miżata għas-sena 2016 ibgħat □5 issa lis-Segretarju u ġedded is-sħubija tiegħek. GRAZZI**

# *Il-Wirja tal-Anniversarju*

Bħal ma diġa semmejna, f'Ottubru ta' din is-sena l-Għaqda tagħna tagħlaq 30 sena ta' eżistenza. Tletin sena li matulhom il-presepju reġa ħa l-ħajja u llum reġa sar l-iskop tal-veru Milied Malti. Naturalment mal-mixja tal-Għaqda mxiet ukoll il-wirja annwali ta' presepji li saret mhux biss sinonima mal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta imma wkoll saret l-attivita prinċipali ta' din l-Għaqda. Ir-riżultati tal-lezzjonijiet u laqgħat organizzati mill-Kumitati li mexxew l-Għaqda bdew itellgħu il-livell ta' din il-wirja l-fuq. Saħansitra meta l-Kumitat iddeċieda li jneħħi il-kompetizzjoni mill-wirja, u ħafna ħasbu li l-interess tal-membri ser jonqos, ir-riżultat kien wieħed totalment l-oppost. Il-livell tal-wirja tjieb u baqa jissaħħaħ sal-lum.



Issa wasalna biex niċċelebraw dan is-suċċess. F'Diċembru li ġej, ser intellgħu it-tletin wirja tagħna. Ser tkun okkażjoni tajba biex niċċelebraw il-presepju. Ser tkun okkażjoni tajba biex nuru li matul is-snin li għaddew il-Kumitati, flimkien mal-membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta ħadmu bis-sħiħ biex il-kultura Maltija f'dan ir-rigward mhux talli ma tintilifx imma talli tissaħħaħ u tifjorixxi.

Għalhekk qed insejjħu lil kullmin verament għandu għal qalbu l-presepju biex minn issa, li ġej is-sajf, u allura x-xogħol isir aktar faċli u tajjeb, jibdew jaħsbu biex din is-sena wkoll, anzi nażżarda ngħid b'mod partikulari, il-wirja ta' Presepji mtella mill-Għaqda tagħna tkun waħda ta' livell għoli li mhux biss ipaxxi għajnejn dawk li jżuruha imma wkoll iwassasl messaġġ ta' Paċi u sliem fost il-popli kollha tad-dinja tagħna.

Nistennewkom ġejjin biex il-Milied niċċelebrawh flimkien madwar il-presepju.

## Paġna għat-Tfal

# *Ritratt fuq Facebook*

Fil-klassi ta' Alessia kien ġie tifel bi bżonnijiet differenti. Il-Kap tal-iskola kienet ħejjiet it-tfal tal-klassi għall-miġja tiegħu. Spjegatilhom li bħal kulħadd kellu bżonn tal-ħbiberija ta' sħabu. Il-fatt li ma kienx jaf jitkellem ma jfissirx li ma kienx iħoss. Kellu qalb li tħoss bħal tagħhom u kellu bżonn min iħobbu. Ħeġġithom biex jagħmlu ħbieb miegħu u kemm jista' jkun ma jħalluhx waħdu.

Dak il-ħin kulħadd ħass għalih imma l-parti l-kbira tat-tfal marru għar-rashom waqt il-brejk. Alessia kienet fehmet forsi aħjar minn sħabha l-messaġġ tal-Kap tal-Iskola. John, il-kuġin tagħha kien ukoll bħal dan it-tifel ġdid. Meta ndunat li fl-iskola fejn kien jattendi ma kellux ħbieb kien iddispjaċiha ħafna. Xtaqet tagħmel xi ħaġa għalih imma kien imur fi skola oħra 'l bogħod minn tagħha. Waħħlet f'moħħha li lil Jeremy, it-tifel il-ġdid, ma' jibqax waħdu. Ħalliet lil sħabha u marret ħdejh.

Kienet taf li mhux se jkellimha u li ma setax imur jiġri għax kien f'siġġu tar-roti. Talbet permess toħroġ siġġu mill-klassi u poġġiet bilqegħda ħdejh. Għall-ewwel ikkonfondiet x'se taqbad tgħidlu. Imma l-qalb tajba tagħha nebbħitha li mhux xi tgħid kien importanti imma l-fatt li kienet qiegħda żżommlu kumpanija. Allura bdiet turih tfal jilagħbu u tgħidlu kif kienet il-logħba. Imbagħad bdiet tirrakkuntalu storja. Storja sempliċi. Ħrafa ta' prinċipessa li sabet żrinġ u sar prinċep. Kienet insiet kif kienet sewwa imma bdiet tivvinta fejn insiet. Ma damitx ma ndunat kif Jeremy kien waħħal għajnejh fuqha. Ma setgħetx tobsor kienx qed jifhem l-istorja imma wiċċu kien juri li kien qed jieħu gost jisma' leħinha u jieħu gost li kellu l-attenzjoni tagħha. Minn dakinhar 'il quddiem kompliet b'din l-ispeċi ta' missjoni li kienet daħlet għaliha hi stess. L-għalliema ndunat u għamlitilha kuraġġ biex tkompli.

Kien qed joqrob il-Milied u l-għalliema bdiet tarma l-presepju. L-istejjer ta' Alessia issa daru fuq l-istorja tal-Bambin, dik it-tarbija Divina li saret bniedem bħalna. U l-attenzjoni ta' Jeremy baqgħet dejjem aktar tkun fuq id-diskors ta' Alessia tant li bdiet tissuspetta li kien jifhem aktar milli kienet taħseb hi.

Din il-biċċa xogħol kienet ta' eżempju għat-tfal l-oħra. Għalkemm ma kienux joqogħdu ħdejh fil-break imma kienu jġibulu ġieli ħelu jew xi toy żgħir. Waqt il-ħin tal-lezzjonijiet kienu jippruvaw jgħinuh billi jpinġulu xi stampa biex jagħtiha l-kulur u jġorrulu s-siġġu meta kienu jduru madwar l-għalliema għal xi attivita. Kien hemm tifla waħda, Jennifer, li ma ħaditx gost tara lil Alessia fiċ-ċentru tal-attenzjoni. L-għira ħakmitha aktar meta omm Jeremy ġiet fil-klassi biex tirringrazzjaha.

Ħadmet pjan f'moħħha u l-għada ġabet mobile bil-moħbi u ħarġitu fil-but waqt il-break. Telqet lill-oħrajn bi skuża li kienet sejra t-*toilet*, waqfet ftit il-bogħod minn fejn kienu flimkien Alessia u Jeremy u ġibdet ritratt bil-moħbi. Meta waslet id-dar daħħlet ir-ritratt fuq Facebook u taħt isem falz kitbet li Alessia kienet qegħda tkun ħafna ma' tifel b'diżabilita u kienet qegħda titħallas minn ommu. Kitbet li hi kienet omm ta' xi ħadd fil-klassi.

Ħafna mit-tfal raw dak li kitbet u bdew jgħidu kontra Alessia . F'daqqa waħda l-ħbieb bdew jitilquha. Ma setgħetx tobsor x'kien qed jiġri. Ħabiba tal-qalb tagħha darba talbitha biex tkellimha wara l-ħin tal-iskola. Iltaqgħet magħha fejn ħasbet li ma seta' jarahom ħadd u spjegatilha x'kien hemm miktub fuqha u fuq Jeremy fuq Facebook. Alessia tgħidx kemm iddispjaċiha.

L-istorja waslet f'widnejn l-għalliema. Din kellmet lil Alessia u pperswadietha biex ma titkellimx ma' sħabha. L-għada waqt il-lezzjonijiet talbet lil klassi biex jitkellmu x'għandhom jagħmlu biex jogħġbu 'l Alla. Tkellmu tista' tgħid kollha. L-aktar ħaġa li ssemmiet kienet li għandna nħobbu lil xulxin. Bdew anke jagħtu eżempji u fost affarijiet oħra ssemmew tfal jew persuni bi bżonnijiet speċjali. Hawnhekk kulħadd resaq quddiem il-presepju u talbu biex qalbhom tintela bl-imħabba.

Jennifer ma qalet xejn imma f'qalbha ħasset li kienet għamlet ħażin. Dakinhar filgħaxija fetħet il-Facebook u taħt l-ewwel stqarrija kitbet li dak li kienet għamlet qabel kienet 'ċajta'. Reġgħet qalet li hi omm ta' xi ħadd fil-klassi u kienet semgħet li Alessia kienet ħadet għaliha ħafna. Skużat ruħha u ħassret l-istqarrija ta' qabel. L-għada meta kienu kollha quddiem il-Presepju qalet li min kien kiteb ta' qabel kien neħħiha.

Kien hemm min issuspetta li kienet Jennifer il-ħatja imma l-għalliema wissiet lil kulħadd biex ma jingħadx kliem żejjed. Alessia stqarret li ħafret lil dik il-'mara' li kitbet gidba fuqha u anke lil sħabha li kienu emmnuha u kienu bdew iħalluha weħidha. U b'hekk quddiem il-presepju reġgħet saltnet il-paċi kif xtaq Ġesú li ġie fid-dinja biex iġib l-għaqda bejn il-bnedmin. Alessia rringrazzjat lil Ġesútarbija li kien irranġa kollox Hu. U f' qalbha Jennifer talbet maħfra tal-ħsara li kienet ġabet lil seħbitha. Għalkemm ma kinetx uriet min kienet imma sewwiet il-ħsara li kienet laħqet għamlet. Il-Presepju kien għen biex fil-klassi kien hemm il-paċi u anke Jeremy gawda għax it-tfal aktar bdew iduru bih u jgħinuh. Il-Presepju kellu jkun!!!

***Marianne Tabone***

# *L-Għar ta' Betlem*

**Meħud minn fuljett "L-Iben t'Alla sar Bniedem"**
**mitbugħ mis-Soċjetàtad-Dutrina Nisranija M.U.S.E.U.M**

Patri Ġużepp Delia, Ġiżwita, għandu leġġenda ħelwa ħafna.

Jingħad li fil-ġenna bdew jidhru nies li ma tantx kienu tajbin għall-premju ta' dejjem. Dan beda jħasseb lil San Pietru u ried jara kif dawn it-talin qegħdin jidħlu hemm ġew. Għamel l-għassa, u fl-aħħar inqabad il-"ħati": kien San Ġużepp li kien qed itella' lil dawn in-nies min-naħa ta' wara. Saret laqgħa tal-qorti tal-ġenna u ġie deċiż li San Ġużepp kellu jitkeċċa mill-ġenna bħala kastig ta' dak li kien qed jagħmel.



Imma x'ġara? San Ġużepp, bil-kalma proverbjali tiegħu, aċċetta dan il-kastig, imma taħt kundizzjoni waħda; li miegħu jieħu lil Ġesú u lil Marija. Hawn qam storbju sħiħ: jekk Ġużeppi jieħu miegħu, bid-dritt kollu, lil Ġesú lil Marija...... x'jibqa fil-ġenna? U kulħadd kellu jirtira kollox u San Ġużepp, b'Ġesú u Marija baqgħu fil-ġenna. U l-hena baqgħet fil-ġenna.

U fl-għar ta' Betlem x'insibu? Forsi mhux lil Ġesú, lil Marija u lil Ġużeppi? Dak l-għar kien il-ġenna fl-art. Forsi, meta nieqfu nħarsu u nimmeditaw quddiem il-presepju, ma nħossux f'qalbna ferħ li ħadd ma jista' jiddiskrivih? Dik is-sempliċità, dik il-paċi, dik is-serenità, dak il-faqar, dakil-għaġeb, kollha jfakkruna fil-ġenna u jnisslu fina xewqa li naħdmu għal dan il-premju.

## *Kun parti mill-fuljett...*



Ikkontribwixxi billi tibgħat xi kitbiet, novelli qosra, poeżiji, eċċ biex jiġu ppubblikati fuq "il-Presepju". Għandek xi idejat kif tagħmel aċċessorji? Trid tikkummenta dwar l-Għaqda? Tiddejjaqx, iktbilna. Sa fejn ikun possibbli nilqgħu is-suġġeriment tiegħek.
***Nota żgħira....***kitbiet li jistgħu joħolqu polemiki ma jkunux pubblikati.

# *Ma tirrepetix il-ġrajja tal-25 ta' Diċembru 1914*

***Rakkont ta' Llewelyn Wyn Griffith (1884-1977)***
***Kaptan fir-Royal Welsh Fusiliers***

***Maqlub għal Malti minn Frans Chircop***

Wara dak li ġara bejn is-suldati Ingliżi u dawk Ġemaniżi fil-Milied tal-1915, u li tniżel fl-istorja, il-Kaptan Griffith kiteb hekk fil-memoirs tiegħu- ***Up to Mametz and Beyond***.

Jum ieħor bla sparar għeb fl-għabex ta' filgħaxija. Ftit wara inżul ix-xemx aħna mmarċjajna għal għonq it-triq. Konna mexjin biex immoru fuq il-*front* tal-gwerra. Is-sena li għaddiet fil-jum tal-Milied, kien hemm waqfien spontanju mal-għadu, iżda din is-sena ħarġu ordnijiet stretti.Aħna kellna nħaddnu l-ispirtu ta'mibegħda, u kellna nwieġbu kull avvanz tal-għadu biċ-ċomb. Dan kien il- ġist tal-messaġġ li ġie moqri lilna waqt parata dakinhar, Lejliet il-Milied.Kull min kien preżenti żgur ma kellux għażla oħra. Ħadd mis-suldati li konna sejrin għall-gwerra ma xtaq joqtol lil xi ħadd f'jum il-Milied. Il-ħsieb tagħna kien li naslu fit-trunċieri u nisperaw li ma jkunx hemm ġlied f'jum il-Milied.

In-natura f'dak il-lejl kienet sabiħa u kiesħa u  bi ftit riħ. Il-kanal li konna fih kien imxxarab riħa taqsam ta' drenaġġ u dejjaq kemm jgħaddi bniedem.

Ma kinitx xena sabiħa. Kien hemm ħames uffiċjali biex jagħmlu l-għassa matul il-lejl. Meta l-kmandant tal-kumpanija tani sagħtejn biex nistrieħ ħassejtni tlajt il-ġenna.



Waqt il-pranzu, bla mejda, bla siġġijiet u bla ċeremonji, mal-ftit ikel tawna flixkun xampanja. Malli qorob nofs il-lejl smajna vuċijiet mill-trinek Ġermaniżi u xi biċċiet ta' kanzunetti tal-Milied. Jidher li kienu ferħana. Il-lejl kien kalm u ma kienx miksur mill-ħsejjes ta' armi tan-nar. Iżda xi kultant ta' bilfors l-artillerija ta' fuq iż-żewġ

naħat kienu jisparaw u donnu il-mira żgur li ma kinitx intenzjonata lejn is-suldati opposti. L-isparar ġustament seta' jiġi deskritt bħala finta, għax makienx hemm ix-xewqa miż-żewġ naħat li joħolqu nkwiet;

Minkejja it-twissijiet tal-ġurnata ta' qabel, is-suldati tagħna bdew jgħajtu lill-għadu, u dan kien jirrispondu. Gradwalment l-għajjat aktar żdied, u kont tista' tisma "*Merry Christmas, Tommy" u "Merry Christmas, Fritz."* Hekk kif sebaħ, rajna jdejn u fliexken jixxejru minn ġot-trunċieri opposti. Aħna ma stajniex nifmuhom u daqshekk ieħor huma.F'dak il-ħin Ġermaniż, li deher li kien fis-sakra, ħareġ mit-trunċiera u wasal sal-*barbed wire*, segwit minn diversi oħrajn, u fi ftit mumenti kien hemm



geġwiġija ta'irġiel miż-żewġ naħat, min iġorr laned tal-laħam, gallettini u affarijiet oħra għat-tpartit. Din kienet l-ewwel darba li konna rajna n-*No Man's Land*, u b'dik l-ispontanjeta saret l-art ta' kulħadd jew kważi. Uħud mis-suldati tagħna ma pparteċipawx u dawn taw raġunijiet raġonevoli. Hekk kif l-uffiċjali taż-żewġ naħat raw din ix-xena sejħu lis-suldati lura għal ġo tunċieri. Fi ftit minuti dik ix-xena ta' qabel inbidlet f'xena tal-waħx. Xena tal-biki fejn il-Kaptani taż-żewġ naħat riedu li s-suldati tagħhom ibiddlulhom il-fehma tagħhom minn dik tal-ferħ u ċelebrazzjoni għal waħda ta' mibgħeda u ħdura.Il-ħsieb ta' skambju ta' souvenirs, jgħatu l-paċi lil xulxin, replika tal-logħba futbol bħal tas-sena ta' qabel għosfru f'ħakka t'għajn.

Niftakar li meta l -Brigadier sema' b'din il-ġrajja wasal irrabjat u beda jhedded lis-suldati bil- qorti marzjali ma kull kelma li beda jlissen. Iktar kemm hedded aktar.... irrepeta li kull suldat li ma jobdiex l-ordnijiet u jispara.... kien ser jgħadi qorti marzjali. Jekk l-ordnijiet ma jiġux obduti konna ser nipperikolaw l-kawża tal-allejati. Naħsbu li l-istess logħba kienet qed tiġi reċtata fil-kamp oppost. Minn dak il-ħin il-kanuni reġgħu bdew jisparaw bla waqfien.Wieħed seta jinnota li għalkemm l-artillerija u l-kanuni bdew isemmgħu leħinhom, l-effet tagħhom ma kienx qed jinħass għax bdew jisparaw fl-għoli u mhux intenzjonati li jolqtu lil xi ħadd.

Ftit jiem wara fil-ġunali inkiteb li fil-jum tal-Milied ta' l-1915, ma kienx hemm ħbiberija mal-għadu, iżda mibegħda w ħdura li taf iġġib magħha l-gwerra.

# *Ftit tagħrif minn hawn u minn hemm*

**Il-Barka tal-Papa bil-Malti.**



Minn jaf kemm -il darba f'jum il-Milied f' nofs in-nhar, issummajna quddiem it-televizjoni biex nisimgħu il-Papa ixandar il-messaġġ tiegħu u jgħati l-barka Urbi et Orbi mill-Vatikan. Dan għaliex, fost numru kbir ta' lingwi li bihom l-Papa kien jgħati l-barka, kien jitkellem bil-Malti. Din ma ma kienitx hekk minn dejjem. Kien il-Papa San Ġwanni Pawlu II li fl-1980, għall-ewwel darba, ta l-Barka tiegħu lil Maltin bil-lingwa tagħhom. Dak inhar Malta kienet waqfet għal ftit minuti mil-ikel u festi oħra biex tisma lill-Papa jitkellem bil-Malti.

**In-Novena**



Sa ftit tas-snin ilu l-attendenza tal-pubbliku għan-novena tal-Milied, bħala tħejjijja għal din il-festa kbira, kienet tkun waħda tajba ħafna. Il-ħajja mgħaġġla tal-lum aktarx li tfiet xi ftit din il-ħeġġa. In-novena disat ijiem ta' tħejjija għall-Milied b'quddiesa kantata kuljum. Bdiet issir mid-Dumnikani tal-Belt fi żmien il-Kavallieri u maż-żmien xterdet fil-paroċċi mmexxija mil-Kleru Djoċesan.

**L-Abjad mhux wieħed mill-kuluri tradizzjonali tal-Milied.**



Hemm min jemmen li l-kulur abjad huwa simbolu tal-Milied. Dan għaliex ħafna nies jassoċjawh mal-borra. Fil-fatt hemm tliet kuluri assoċjati mal-Milied u kull wieħed ghandu tifsira tiegħu!

**L-Aħdar**... rrappreżentat mis-siġra tal-Milied. Jissimbolizza l-ħajja u twelid mill-ġdid

**L-Aħmar**...jissimbolizza d-demm ta' Ġesu' kif ukoll t-tuffieħa li Adam u Eva kielu qabel tkeċċew mill-Gnien tal-Eden.

**L-Isfar**......jissimbolizza d-dawl spiritwali li Ġesu' jwassal; grazzi għat-twelid u l-qawmien tiegħu.

# *Panettone...*
# *Mil Leġġenda għar-Realtà*

Il-“Panettone” hu speċjalita tat-Taljani fil-jiem tal-Milied. Meta u fejn beda jsir il-panettone anqas ħadd ma jaf għaliex il-leġġenda titħallat sewwa ma’ l-istorja.

***Tgħid il-leġġenda….***




Darba waħda, meta Lwiġi l-Barbaru kien jaħkem f’Milan, furnar xiħ kien igħix f’Borgo delle Grazie. Dan il-furnar kellu tfajla tassew ħelwa li kienet tilfet għaqalha wara żagħżugħ jismu Ughetto della Tela. Kien riesaq Milied imma n-negozju tal-furnar kien sejjer lura bis-siegħat. Minħabba t-traskuraġni ta’ bintu Algiza, l-parruċċani bdew jitilquh u fl-aħħar anqas il-patrijiet ma baqgħu jixtru mingħandu. Il-furnar ix-xiħ u bintu tant kellhom dwejjaq li Algiza ma baqgħetx titbissem, anqas meta kienet tiltaqa’ ma Ughetto. Dan tant ħass għat-tfajla tiegħu li ddeċieda li jagħmel xi ħaġa biex jgħin. Huwa biegħ il-par isqra li kellu u bil-flus xtara kilo butir isfar biex iħalltu ma’ l-għaġina. Il-ħobż tal-furnar tjieb u reġa’ beda jinbiegħ. Ughetto beda jixtri aktar butir u beda jżid ħwawar oħra; bajd, qoxra tal-lumi u passolina. In-nies reġgħu bdew ġejjin bi ħġarhom. Il-ħanut tal-furnar ix-xiħ ma kienx jesa’ lil kulħadd u Milan kollu ried jixtri il-panettone. Algiża reġgħet bdiet titbissem u Ughetto reġa’ sar ferħan. Huma żżewġu u għexu ħienja għal dejjem.

*L-istorja tgħid hekk....*

Fis-sena 1400 ir-riċetta tal-panettone kienet diġa teżisti iżda dejjem baqgħet speċi ta’ speċjalita tal-Milied sakemm Angelo Motta fettilu jagħmel studju fuq ir-riċetta kif kienet tinħadem fil-Medio Evo. Angelo Motta rnexxielu jsib ir-riċetta antika u beda jaħdimha fuq bażi kummerċjali. M’hemmx bżonn ngħidu x’suċċess kellu għaliex isem Angelo Motta hu magħruf mhux biss fl-Italja iżda mal-Ewropa kollha. Ughetto della Tela seta’ jgħix biss fl-immaġinazzjoni ta’ dawk li sena wara l-oħra tennew il-leġġenda tiegħu u ta’ Algiza, iżda Angelo Motta irnexxielu joħloq industrija oħra li qed tipprovdi l-għixien lill-eluf ta’ ħaddiema Taljani. Mhux ta’ b’xejn il-panettone huwa sikwit imsejjaħ “Il-cake tad-deheb” tal-Italja.

## Għandek eMail?

Jekk trid infakkruk fl-attivitajiet li jkollna minn żmien għal żmien ibgħatilna l-indirizz tal-eMail tiegħek.

Tagħna huwa: **charbel@onvol.net**





## www.presepjumalta.org

Dan hu l-indirizz tal-website tagħna! Idħol fih biex taqra dwar l-istorja tal-Għaqda, il-presepju, kif taħdem il-presepju u xi aċċessorji. Żur l-albums tar-ritratti u ġedded il-memorja tal-wirjiet annwali.

Għaddi l-indirizz lil ħbieb u qraba, speċjalment dawk imsefrin...ibqa żgur li japprezzaw.

# *L-LED's fil-presepju...*



Hawn min isejjħilhom 'bozoz'. Le mhumiex...huma 'dijodi' ...*diodes* bl-ingliż. Imma dan għalina ma tantx hu importanti.

Aħjar naraw l-użu tagħhom, għaliex huma tajbin, u kif nixgħeluhom, jew aħjar inħaddmuhom. Iva, għax dawn ma jinxtegħlux minn *transformer*, imma jitħaddmu permezz ta' *driver*.

Se nħawwdilkom moħħkom? Insew kollox. Fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss niktbu artiklu sew li fih nispjegaw kollox b'lingwa sempliċi li jifimha kulħadd. Xejn ta' barra min hawn...ftit attenzjoni jkollna bżonn.

Nitaqgħu f'ħarġa oħra. Għalissa nibdew ibnu l-presepju bil-mod.




